# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 29/2016**

Il-Pulizija

vs

**Raymond Debono**

iben Joseph, imwieled Sliema, fit-28 ta' April, 1956, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 326156(M)

Illum, 14 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Raymond Debono quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b`diversi atti maaghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijet tal-ligi, nhar it-28 ta` Frar, 2012, kif ukoll fil-jiem ta' qabel, f`dawn il-Gzejjer, bi ksur tal-artikoli 43(1)(a) u 18(1) tal-Att dwar Servizzi tal-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta, Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta, u bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.15, opera jew ippermetta l-operazzjoni ta' attivita` turistika (stabbiliment li jipprovdi l-ikel) fil-post Nina's Café` fi Triq Ordinanza, l-Belt, Valletta, minghajr ma kien fil-pussess ta` licenzja valida mahruga mill-awtorita`.

Il-Qorti mitluba li jekk jinstab hati, l-akkuzat jiġi kkundannat iħallas multa ai termini tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 43(1) u (2) tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Jannar, 2016 fejn il-Qorti lliberat lil Raymond Debono.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fid-29 ta' Jannar, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok, tgħaddi biex tiddisponi minn dan il-każ skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fis-26 ta' Jannar, 2016 l-esponent Avukat Ġenerali rcieva l-atti tal-kawża u hassu aggravat bihom. Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, mhijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b`apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit ta` l-atti processwali sabiex tara jekk f`dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghaliha.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat meta l-prosekuzzjoni ma kinitx għalqet il-provi tagħha u kien jonqosha xhieda ndispensabbli xi tressaq.

Illi tul il-proċediment ta' din il-kawża l-Awtorita' tat-Turizmu ta` Malta dejjem attendiet għas-seduti miżmuma li b'kollox jammontaw għat-total ta' sitt seduti, ċioe' is-seduti datati 7 ta' Marzu, 2013, 5 ta' Diċembru, 2013, 30 ta' Ottubru, 2014, 16 ta' April, 2015, 14 ta' Mejju, 2015 u 14 ta' Jannar, 2016.

Illi kien biss f'żewġ instanzi li r-rappreżentanti ta' l-Awtorita' tat-Turizmu ta` Malta ma setgħux jiġu prodotti, ċioe' waqt is-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2013 in vista tal-fatt li x-xhud ewlieni kien

se jkun imsiefer (a bażi ta' liema sar rikors b' talba għad-differiment li ġie milqugħ) u għas-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2016 in vista tal-fatt li l-istess xhud ewlieni, **Emanuel Agius**, kien se jkun l-isptar u dan kif jirriżulta mid-dokument li ġie ippreżentat mar-rikors għat-talba ta' differiment li ġie intavolat mill-Awtorita' tat-Turizmu ta` Malta.

Illi waqt l-aħħar seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2016 il-qorti ma laqgħetx it-talba tad-differiment u dan skont l-istess Qorti r-raġuni hi li l-każ ilu għaddej u kellna iċ-ċans fis-seduti preċedenti li neżebixxu l-provi, li mhuwiex minnu u dan kif jista' joħroġ mill-atti proċesswali.

Illi l-esponent jħossu aggravat minn tali deċiżjoni in visto tal-fatt li tul il-proċedimenti tal-każ l-Awtorita' tat-Turizmu ta`Malta qatt ma ingħatat l-opportunita' li tippreżenta l-provi tagħha stante li l-akkużat jew id-difensuri legali tiegħu ma kienux ikunu preżenti għas-seduti miżmuma u għalhekk il-kawża kienet qiegħda tiġi differita a kaġun tagħhom. Illi infatti l-ewwel darba fejn kien hemm preżenti l-akkużat flimkien ma' l-avukat tiegħu kien waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2016.

Illi nonostante li l-Qorti kienet ġiet spjegata dan u kif ukoll ġiet murija li l-Awtorita' tat-Turizmu ta`Malta kellha raġuni valida għala x-xhieda tagħha ma setgħux jinstemgħu waqt is-seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2016, iddeċidiet li tinjora dan kollhu u ipproċediet biex tagħti s-sentenza tagħha fl-14 ta' Jannar, 2016 mingħajr ma tisma' l-provi u lliberat lill-akkużat.

Illi bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, għalkemm huwa deżiderabbli li kawżi sommarji jiġu deċiżi fi żmien qasir, preferibbilment f'seduta waħda, ċertament ma jkunx fl-aħjar interess tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja jekk kif appena ma jitfaċċax xhud f'kawża sommarja, il-Qrati jaqbdu u jilliberaw lill-akkużat! Jekk wieħed jagħmel ukoll referenza għad-diċitura tal-liġi, u, senjatament, l-artikoli 374 u 375 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, m'huwiex speċifikat b'ebda mod illi l-provi f'kawża sommarja għandhom jinstemgħu f'seduta waħda biss u dan peress li l-liġi tgħid biss illi *'t-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm u fl-ordni…*[1] *'* kif preskritt fl-artikolu 374 b'applikazzjoni ukoll għall-artikolu 375.[2] Kwindi filwaqt li

huwa rikonoxxut li l-kawża sommarja m'għandhiex iddum tkaxkar inutilment (*ergo* t-terminu 'sommarja') il-liġi ma tispeċifikax li kull prova trid bilfors tinstema f'darba allavolja hekk ikun desiderabbli.

Illi *inoltre* jekk wieħed jara wkoll l-artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jittratta l-għoti tas-sentenża f'kawża sommarja jingħad li *'meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża*[3]*, il-qorti, dakinhar stess, jekk jista jkun*[4]*, tagħti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'*. Illi minn dan l-artikolu tal-liġi l-esponent jislet żewġ punti: (1) fl-ewwel lok is-sentenza għandha tingħata meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża,u, (2) fit-tieni lok, ma hemm ebda obbligu riġidu li l-Qorti trid tagħti s-sentenza tagħha dak in-nhar stess li tinstema' l-kawża. Issa fil-każ *de quo* l-prosekuzzjoni f'ebda ħin ma ddikjarat li kienet qed tagħlaq il-provi. Għall-kuntrarju l-prosekuzzjoni kienet għadha lanqas biss bdiet tippreżenta l-provi tagħha!

Illi kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta u deċiża mill-Imħallef J. Galea Debono nhar il-21 ta' Ġunju, 2007:

> *'filwaqt li l-Qorti tifhem il-pressjoni li biha jkunu qed jaħdmu l-Qrati tal-Maġistrati speċjalment fis-seduti tad-distrett fejn ikollhom numru kbir ta' kawżi li huma jkunu jixtiequ jiddisponu minnhom, la darba l-prosekuzzjoni kellha xhud imħarrek u din ix-xhud addiritura għamlet talba b'rikors biex tiġi eżentata milli*

---

[1] Artikolu 374(i): *(i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu;*

*(ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu;*

*(iii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista' jagħmel kontra-replika:*

*Iżda l-qorti tista', għal raġuni tajba, tqassam xorta oħra l-ordni tas-smigħ tal-kawża;*

[2] Artiklu 375(c): *l-uffiċjal tal-Pulizija Ezekuttiva, li bih titmexxa l-azzjoni, u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu, jinstemgħu fl-ordni msemmi fil-paragrafu (i) tal-aħħar artikolu qabel dan;*

[3] Enfazi tal-appellant.

[4] Enfazi tal-appellant.

*tidher fil-ġurnata in kwistjoni għal raġuni li prima facie kienet tidher serja u ġusta, l-Ewwel Qorti kelha tiddiferixxi l-kawża għal data oħra u mhux tagħmel kif għamlet u tgħaddi biex tagħti s-sentenża mingħajr ma' tisma' x-xhud ewlieni u ċertament idispensabbli tal-prosekuzzjoni.'*

Illi inoltre, fil-każ ***il-Pulizija vs Clive Debono,*** deċiża minn din l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Imħallef J. Galea Debono (14/9/2004) ingħad illi l-fatt li ma jidhirx xhud jew xhieda ma tiġġustifikax lill-Qorti tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli, u taqbad u tgħaddi għas-sentenza.

Kwindi, dejjem bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-istess Onorabbli Qorti ma setgħetx legalment u raġjonevolment iccaħħad lill-prosekuzzjoni minn din il-prova ndispensabbli.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fil-qosor l-aggravju tal-Avukat Generali hu msejjes fuq il-fatt li l-prosekuzzjoni ma kellhiex l-opportunita' li tressaq il-provi taghha.

Illi jigi rilevat li fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2015 l-imputat, il-prosekuzzjoni u l-avukat tal-Malta Tourism Authority kienu prezenti. Dak in-nhar l-avukat ta' l-imputat kienu assenti izda mill-verbal ma jirrizultax li ebda wiehed miz-zewg xhieda ndikati fic-citazzjoni ma kienu prezenti. Anki fl-assenza tal-avukat ta' l-imputat, il-prassi li kellha tigi uzata hi li jixhed min ghandu jixhed izda jigi riservat il-kontro-ezami ta' dan l-istess xhud. Mill-verbal ma hemm indikata l-prezenza ta' ebda xhud.

Illi fis-seduta tal-14 ta' Jannar, 2016 l-Avukat Generali qed jilmenta li gjaladarba kien hemm rikors ghall-differiment l-ewwel Qorti kellha tilqa tali talba u tiddiferixxi l-kawza ghal data ohra. It-talba kienet tirrigwarda x-xhud Emanuel Agius li fl-14 tax-xahar kellu appuntament l-isptar Mater Dei. Il-parte civile pprezentat r-rikors fit-13 tax-xahar jigifieri gurnata qabel is-smiegh tal-kawza. Gie ezebiet l-appuntament izda jirrizulta li l-appuntament kien gie ffissat fit-12 ta' Novembru, 2015, jigifieri xahrejn qabel is-seduta. Jigi rilevat ukoll li d-digriet tal-ewwel Qorti jgib id-data tat-13 ta' Jannar, 2016 u it-talba kienet giet michuda. Il-kawza kellha tinstema fid-9.00 a.m. u l-appuntament l-outpatients kien iffisssat ghall-10.30 a.m. Fis-seduta ndikata, il-prosekuzzjoni ma ghamlet ebda talba biex jixhed xi xhud iehor. Fic-citazzjoni hemm indikati zewg xhieda izda r-rikors sar ghall-xhud wiehed biss. Ghalhekk, l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tghaddi ghas-sentenza.

Illi fit-tieni lok, l-Avukat Generali talab lil din il-Qorti biex tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi. Wiehed kien tistenna li l-Avukat Generali jaghmel talba biex jinstemghu x-xhieda mitluba izda ma gara xejn minn dan u ebda talba f'dan is-sens ma saret.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.